MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 124/2009

**Michael Attard Limited (C-32362)**
**Vs**
**Mary Doris Debono (K.I. 207860M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta fis-somma ta' tlett elef, mitejn tnejn u tletin ewro w sitta u ghoxrin centezmu (€3,232.26) rapprezentanti prezz import ta' tnejn u ghoxrin kambjala skaduti, accettati u ffirmati mill-intimata.

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn qalet illi l-ammont mhuwiex kollu dovut stante pagamenti.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Sema' x-xhieda tal-konvenuta.

Ra li giet pprezentata nota tas-socjeta' attrici fid-19 ta' Gunju, 2009 fejn is-sorte giet ridotta ghas-somma ta' elfejn, erba' mija u hdax-il ewro u erbgha u erbghin centezmu (€2,411.44) stante pagamenti li saru fil-mori tal-kawza.

Ra n-nota ulterjuri tas-socjeta' attrici tal-21 ta' Mejju, 2010 fejn permezz taghha t-talba attrici giet ridotta bis-somma ta' elf, tliet mija u disa' u disghin ewro u sitta u tlettin centezmu (€1399.36).

Illi t-Tribunal ghalhekk jirrilleva li s-sorte tal-kawza llum hija fis-somma ta' elf u tnax-il ewro u tmien centezmi(€1012.08).

Ra li fis-seduta tal-10 ta' Gunju, 2010 l-partijiet ftehmu li l-kawza tista' tmur ghas-sentenza fuq il-provi. Illi l-partijiet ghazlu li jirrimettu ruhhom ghal gudizzju tat-Tribunal fuq il-provi in atti.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza titratta import ta' tnejn u ghoxrin kambjala skaduti, accettati u ffirmati mill-intimata. Illi skont ix-xhieda tal-konvenuta moghtija fis-7 ta' April, 2009 hija qalet illi kienet xtrat vettura mis-socjeta' attrici u li kellha xi diffikoltajiet sabiex teffettwa l-hlasijiet. Illi fil-frattemp kien sar mandat ta' qbid fuq il-vettura. Qalet ukoll illi hija disposta thallas il-bilanc rimanenti fuq il-vettura. Illi permezz ta' nota ta' riduzzjoni maghmula fid-19 ta' Gunju, 2009 is-sorte giet ridotta ghas-somma ta' €2,411.44 stante pagamenti li saru fil-mori tal-kawza.

Illi sa sena wara s-sorte giet ridotta ulterjorment permezz ta' nota bis-somma ta' €1,399.36 fil-21 ta' Mejju, 2010.

Illi mill-provi jirrizulta li meta t-Tribunal jnaqqas l-ammont ta' €1399.36 li hija s-somma msemmija fin-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta' attrici, datata 21 ta' Mejju, 2010,

mill-ammont tas-sorte ta' €2411.44, kif ridotta fid-19 ta' Gunju, 2009, is-sorte illum huwa ta' €1012.08.

Mill-provi jirrizulta li fil-mori tal-kawza il-hlasijiet komplew isiru. Illi mix-xhieda tal-konvenuta tas-7 ta' April, 2009 il-konvenuta ammettiet illi kien hemm xi bilanc dovut izda ma kienetx f'posizzjoni taccerta l-ammont li kien baqa' dovut.

Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenuta kompliet taghmel hlasijiet tul il-mori tal-kawza u li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar l-ammont kif ridott fin-nota tal-21 ta' Mejju, 2010.

Ghaldaqstant, it-Tribunal wara li ezamina d-dokumenti kollha in atti u ra l-provi migjuba quddiemu huwa sodisfatt illi l-konvenuta hija debitrici lejn is-socjeta' attrici fis-somma ta' €1012.08.

It-Tribunal ghalhekk jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas fis-somma ta' elf u tnax-il ewro u tmien centezmi (€1012.08) bl-ispejjez u l-imghaxijiet sopportati mill-konvenuta mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------